# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2020

**Rikors Numru : 265/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**BG** f'isimha proprio u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri CG

**Vs**

**NG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentata ta' BG f'isimha proprio u bhala kurarici ad litem ta' bintha minuri CG, datat 12 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*<u>DIKJARAZZJONI</u>*

*L-attrici tikkonferma bil-ġurament is-segwenti fatti li tafhom personalment:*

1. *Illi BG u NG izzewwgu fl-10 ta' April 1999 u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg tfal u cioè M li twieldet f'X u ghalhekk illum ghandha X-il sena (X), izda ghadha tippartecipa f'edukazzjoni, tahriġ jew taghlim full-time, u C li twieldet f'Y u ghalhekk illum ghandha Y-il sena (Y), izda hija ukoll ghadha tippartecipa f'edukazzjoni, tahriġ jew taghlim full-time.*

2. *Illi minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi dapparti tal-konvenut kif ukoll minhabba nkompatibilita ta' karattru bejn il-kontendenti, iz-zwieg bejn l-istess*

*BG u NG tkisser irremedjabilment kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

3. *Illi kemm BG kif ukoll NG jahdmu fuq bazi full time, oltre l-fatt li l-konvenut jghamel xoghol iehor ghal rasu ta' mechanic tal-karrozzi.*

4. *Illi l-attrici proprio tirritjeni li, minkejja li bhalissa ghandha mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisha, id-dritt li tesigi manteniment minghand zewgha, f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi, ghandu jibqa mittiefes.*

5. *Illi minhabba t-tortijiet imputabbli lil NG ghat-tkissir taz-zwieg, l-attrici proprio tirritjeni li zewgha ghandu jitqies li ddekada mid-drittijiet kontemplati fil-ligi nklus dak li jircievi manteniment minghand l-esponenti proprio, u fi kwalunkwe kaz, il-konvenut kapaci u effetivament jahdem u ghandu ntrojtu bizzejjed sabiex imantni lilu nnifisu.*

6. *Illi inkwantu ghal-izghar tifla tal-imsemmija kopja G - C li sa issa ghandha minuri, u ghadha tistudja, l-attrici proprio tirritjeni li jkun fl-ahjar interess tal-istess tifla li l-kura u kustodja legali tal-istess minuri tigi fdata esklussivament lill-attrici omm.*

7. *Illi fi kwalunkwe kaz il-kura u kustodja fattwali tat-tifla minuri ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici omm.*

8. *Illi kemm il-darba il-kura u kustodja fattwali tat-tifla minuri tigi fdata f'idejn l-attrici, ghalhekk jehtieg ukoll li jigi ffissat manteniment xieraq u adegwat tenut kont li NG ghandu ntrojtu konsistenti mill-impjieg u mix-xoghol privat tieghu, li NG jkun ordnat ihallas lil BG minhabba l-imsemmija tifla.*

9. *Illi inkwantu ghat-tifla l-ohra M, li ghalkemm appena ghadha kemm ghalqet it-tmintax-il sena, hija ghadha tistudja, u dipendenti mill-familja, u l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas lil BG manteniment adegwat tenut kont li huwa ghandu ntrojtu konsistenti mill-impjieg u mix-xoghol privat tieghu.*

10. *Illi l-esponent proprio tixtieq li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess*

*kopja B u N G ghandha tigi xjolta u likwidata b'mod li jittiehed kont f'tali likwidazzjoni, tal-konsegwenzi derivanti mit-tortijiet tal-konvenut li wasslu ghat-tkissir taz-zwieg.*

11. *Illi jigi rilevat li d-dar matrimonjali ("S") hija parafernali tal-mara - BG, minnha mixtrija, minghand il-privat, diversi snin qabel iz-zwieg.*

12. *Illi ghalhekk l-esponent proprio ukoll titlob li l-beni parafernali taghha jigu lilha restitwiti.*

*<u>RAĠUNI TAT-TALBA</u>*

*Peress illi l-partijiet BG u NG izzewwgu fl-10 ta' April 1999 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg tfal u cioè M li twieldet f'X u ghalhekk illum ghandha X-il sena (X), izda ghadha tippartecipa f'edukazzjoni, tahriġ jew taghlim full-time, u C li twieldet f'Y u ghalhekk illum ghandha Y-il sena (Y), izda hija ukoll ghadha tippartecipa f'edukazzjoni, tahriġ jew taghlim full-time;*

*Peress illi minhabba sevizzi, eccessi u ingurji gravi dapparti tal-konvenut kif ukoll minhabba nkompatibilita ta' karattru bejn il-partijiet BG u NG , il-hajja konjugali ta' bejn l-istess BG u NG saret impossibbli;*

*Peress li l-attrici BG tirritjeni li l-konvenut ghandu jigi dikjarat li ddekada mid-drittijiet kontemplati fl-artikolu 48 (1) (a), (b), (c), u (d) tal-Kodici Civili, izda fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, huwa m'ghandux jircievi manteniment minghand l-attrici proprio stante li huwa ghandu mezzi sufficjenti sabiex imantni lilu nnifisu u huwa ghandu impjieg fuq bazi full time, oltre l-fatt li l-istess konvenut jghamel xoghol iehor ghal rasu ta' mechanic tal-karrozzi u ghandu ntrojtu sufficjenti sabiex imantni lilu nnifisu;*

*Peress illi l-attrici proprio, minkejja li bhalissa ghandha mezzi bizzejjed biex tmantni lilha nnifisha, ghandu jibqala d-dritt li tesigi manteniment minghand zewgha, f'kaz ta' bdil fic-cirkostanzi;*

*Peress illi l-attrici proprio tixtieq ukoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-istess B*

*u N konjugi G tigi xolta u likwidata u l-beni parafernali tal-istess BG (fosthom il-fond "S" jigu lilha restitwiti;*

*Peress illi l-attrici proprio tirritjeni li huwa fl-ahjar interess tat-tifla minuri tal-partijiet konjugi G – C, li dina tigi fdata fil-kura u kustodja legali u fattwali taghha u li kwindi l-konvenut ihallas manteniment xieraq u adegwat skond il-ligi;*

*Peress illi l-attrici proprio tirritjeni li huwa fl-ahjar interess tat-tifla l-ohra tal-partijiet konjugi G - M, li appena ghadha kemm ghalqet X-il sena, liema tifla ghadha tistudja, u dipendenti mill-familja li l-konvenut ihallas manteniment xieraq u adegwat skond il-ligi;*

*Peress illi l-attrici proprio tinsab awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz tad-Digriet Numru 1707/18 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-13 ta' Awissu 2018 (Dok.A);*

*<u>TALBIET</u>*

***Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:***

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti B u N konjugi G minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija mputabbli unikament lill-konvenut.*

2. *Tafda l-kura u kustodja legali tat-tifla minuri CG f'idejn l-attrici BG.*

3. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici BG manteniment xieraq ghat-tifla minuri CG fuq imsemmija bil-modalita ta' gurnata, lok u hin li jigu wkoll iffissati, anka bl-applikazzjoni tal-Artikolu 54 (5) tal-Kodici Civili.*

4. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici BG manteniment xieraq ghat-tifla MG, li appena ghadha kemm ghalqet X-il sena, liema tifla ghadha tistudja, u dipendenti mill-familja bil-modalita ta' gurnata, lok u hin li jigu wkoll iffissati, anka bl-applikazzjoni tal-Artikolu 54 (5) tal-Kodici Civili.*

5. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici BG manteniment xieraq*

*ghaliha nnifisha kemm il-darba fiz-zmien li tinghata sentenza, l-istess attrici BG ma jkollhiex mezzi bizzejjed sabiex tmantni lilha nnifisha, bil-modalita ta' gurnata, lok u hin li jigu wkoll iffissati, anka bl-applikazzjoni tal-Artikolu 54 (5) tal-Kodici Civili.*

6. *Tiddikjara l-konvenut bhala li ddekadiet mid-drittjiet kontemplati fl-artikoli 48(1)(a), (b) u (d) tal-Kodici Civili.*

7. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti B u N konjugi G u tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti BG u NG bl-applikazzjoni kontra l-konvenut tal-artikoli 48(1)(c) u 51 tal-Kodici Civili.*

8. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi u jirrintegra lill-attrici BG fil-pussess tal-beni parafernali taghha kompriz il-fond "S", u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombra mid-dar matrimonjali tal-partijiet B u N konjugi G, cioè il-fond "S".*

9. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi u jirritorna lill-attrici BG kwalsiasi krediti parafernali taghha kif ukoll kwalsiasi beni dotali/parafernali taghha jew dik is-somma li tigi likwidata bhala rapprezentanti l-valur tal-istess beni.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi NG minkejja li gie debitament notifikat bl-atti processwali, naqas li jidher u naqas li jintavola risposta guramentata u ghaldaqstant huwa kontumaci (Vide fol 14);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat illi ghalkemm NG gie moghti l-fakolta sabiex jipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-artikolu 158 (10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa baqa' inadempjenti;

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrenti, BG,** xehdet permezz t'affidavit a fol 17 *et seqq* illi l-partijiet kienu ltaqu' fl-Italja fl-1996 waqt li hi kienet qed taghmel xoghol ta' volontarjat fl-Italja u l-intimat kien gie Malta xi ftit zmien wara r-ritorn taghha. Spjegat illi f'dan iz-zmien hija kienet assistiet lill-intimat sabiex isib xoghol u akkomodazzjoni hawn Malta, u filfatt kien anke ghamel zmien jghix fir-residenza taghha li kienet xtrat fl-1991. Kompliet li l-partijiet kienu zzewgu fl-10 t'April 1999 u l-ewwel sentejn taz-zwieg taghhom kienu tajbin, u kellhom zewgt itfal, M li twieldet f'Y u C li twieldet f'Y. Hija xehdet li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet inbidlet proprju wara li kellhom it-tfal ghaliex l-intimat ma kienx baqa' l-istess.

Xehdet illi hija kellha tiehu hsieb u trabbi lill-uliedhom kwazi waheda ghaliex l-intimat kien jahdem, jaghmel *over-time,* jahdem *part-time,* jassisti lil xi hbieb tieghu u johrog ma' shabu, u eventwalment beda anke jassisti finanzjarjament lil familtu fir-Rumanija. Spjegat li l-intimat kien beda jixrob u mhux l-ewwel darba li kien jirritorna d-dar tard bil-lejl fis-sakra tant illi anke kien jirremetti fuqha u sahansitra kien hemm iljieli fejn ma rritorna addirittura. Kompliet li meta kien jasal id-dar, l-intimat kien jippretendi li jinqeda biha u jgorr jekk ma jsibx kollox lest filwaqt li hi bilkemm kienet qed tlahhaq max-xoghol, il-bzonnijiet tad-dar u l-bzonnijiet tat-tfal. Qalet illi dan il-garr tal-intimat kien eventwalment iddeterjora f'tghajjir, zebblieh, insulti, ingurji, ghajjat u theddid fil-konfront taghha u ghalhekk hija kienet, kemm jista' jkun, tipprova tissodisfah sabiex tevita li jinqalu' disgwida minhabba li t-tfal kienu ghadhom zghar. Spjegat li l-intimat kien jinsultaha fuq kollox, inkluz b'xogholha ghaliex kienet tahdem mar-refugjati u kien jghajjara "*puttana"* u "stupida." Kompliet illi l-intimat kien anke qalilha li kien izzewigha biss ghaliex kien ra opportunita sabiex ikun jista' jigi Malta u jkollu akkomodazzjoni u anke mezz ta' trasport. Xehdet ukoll illi l-ftit drabi li kienu johorgu flimkien kienu jkunu ma' shabu u kien joqghod jitkessah, jixrob bil-goff u jghaddi kummenti fuq *waitresses* u mhux l-ewwel darba li kien jghaddi kummenti namoruzi lil dawn it-tfajliet u ghalhekk hija kienet tisthi u kienet tippreferi ma tohrog xejn.

Xehdet illi l-intimat fetah garaxx ta' *mechanic* ghal rasu sabiex jahdem hemm wara l-impjieg u ghalhekk kien jersaq id-dar biss biex jorqod, filwaqt li kien jesigi li hi ma tersaqx lejn il-garaxx. Qalet illi dak iz-zmien hija kienet tbati minn *low self-esteem* u kienet thoss wahedha u li ma

setghet taghmel xejn specjalment b'zewgt itfal zghar. Kompliet illi fl-2010, kienet irragnat il-kamra tal-bejt bl-iskop li din tintuza minn uliedhom sabiex ikunu jistghu iqattu` hin mal-hbieb taghhom, izda l-intimat malajr beda juzaha hu sabiex jara t-*television* u jiltaqa', jixrob u jsajjar ma' shabu. Sussegwentement kien qal lin-neputi tieghu li jista' jibda jghix hemm. Qalet li dan iz-zmien l-intimat beda' jqatta' dejjem anqas hin mal-familja u meta n-neputi tieghu kien telaq biex jghix ghal rasu, l-intimat kien ghazel li kwazi kwazi jaghmel hekk hu billi joqghod ghalih wahdu f'din il-kamra, u meta kien ifettillu jinzel, kien jinsulentaha u jheddidha. Xehdet li f'dan iz-zmien, l-intimat beda jghidilha biex trazzan l-infieq ghat-tfal u beda jitlobha rendikont ta' dak li kienet tonfoq, u beda jaghtiha nofs dawn l-ispejjez, u ftit wara iddecieda li jibda jaghtiha elf ewro (€1,000) ghall-bzonnijiet tat-tfal.

Spjegat illi ghalkemm hija kienet taht l-impressjoni li uliedhom ma kienu jafu xejn dwar dan kollu, binthom il-kbira M bdiet tbati minn certu kondizzjonijiet, li kienu jehtiegu hafna appuntamenti ma diversi tobba, filwaqt illi z-zghira C wkoll kellha l-problemi taghha. Spjegat illi C kellha problema il-ghaliex kien tbati bil-kondizzjoni ta' *borderline personality disorder* u ghalhekk il-minuri kellha bzonn hafna attenzjoni minn naha taghha li affetwat l-abilita taghha li taghmel *overtime.* Di piu', C kien jehtigielha tiehu lezzjonijiet privati *one-to-one* apparti visti regolari ghand specjalisti. Peress li l-privatijiet ta' C u l-visiti ghand specjalisti tal-istess C ma setghatx toqghod minghajrhom, l-attrici kienet kostretta tnaqqas l-attivitajiet extra-kurrikurali ta' M li minn naha taghha kellha ta' bilfors tohrog tahdem anke waqt li kienet qed tistudja ghall-A levels taghha.

Xehdet illi l-intimat baqa' jghaddilha s-somma ta' €1,000 ghall-htigijiet tat-tfal, bil-patt illi €800 jmorru ghall-ispejjez ta' C u €200 ghal M. Qalet illi pero s-sitwazzjoni kienet saret insopportabbli u ghalhekk ftit wara li M ghalqet X-il sena, l-attrici ddecidiet li tipprocedi sabiex tissepara minn mar-ragel taghha.

Spjegat illi l-impjieg taghha jirrendi *gross basic wage* ta' €1,400 kull erba' gimghat. Xehdet illi ghal C tonfoq bejn wiehed u iehor €1,800 - €2,000 fix-xahar, bejn ikel, medicinali, specjalisti, infieq ta' trasport, hwejjeg, edukazzjoni, hrug u affarijiet ohra, filwaqt illi M jkollha tghaddi bil-€200 li jaghtiha missierha u l-€200 li taghtiha hi, filwaqt li ghaliha bilkemm tixtri xejn biex tlahhaq mal-ispejjez ta' uliedha.

Xehdet illi d-dar matrimonjali hija parafernali taghha ghaliex kienet xtratha ferm qabel iz-zwieg u m'ghandhiex dejn, filwaqt illi flus imfaddla miz-zwieg m'ghandhiex, hlief ghal xi flus parafernali mwarrba derivanti minn wirt tal-familja, u hafna mill-ghamara li hemm fid-dar hija

wkoll parafernali ghaliex mixtrija qabel iz-zwieg. Xehdet illi l-garaxx minn fejn jahdem l-intimat li jinsab fi Triq il-Kapuccini, Marsa u l-ghodda li hemm go fih inxtraw waqt iz-zwieg izda ma tafx x'titolu ghandu fuq dan il-garaxx u ma tafx lanqas x'hemm fih. Xehdet illi l-partijiet ghandhom zewg vetturi, wahda Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni CBF 224 li hija parafernali taghha u li kien qalbet fuq isem l-intimat u l-ohra Toyota Tercel bin-numru ta' registrazzjoni LAA467 li hija rregistrata f'isimha. Ziedet illi ladarba jisseparaw ghandha d-dubbji taghha kemm l-intimat ser jibqa' Malta ghaliex m'ghandu l-ebda rabta mal-pajjiz u tiddubita kemm ser jibqa' jghaddilha flus ghall-bzonnijiet tat-tfal.

**MG** xehdet permezz ta' affidavit a fol 22 *et seqq* illi missierha l-intimat, dejjem kien jippreferi jqatta' hinu mal-hbieb minflok mal-familja tieghu u ghalhekk hi u ohtha kienu jiddependu fuq ommhom li dejjem hadet hsiebhom u hargithom. Xehdet illi meta ommhom kellha tohrog tahdem, peress illi kienet bix-*shift* u kellha tahdem sieghat twal, hi u ohtha kien ikollhom iqattu sieghat twal wahedhom id-dar peress illi missierhom kien jippreferi johrog ma' shabu minflok joqghod ma' uliedu. Xehdet illi l-genituri taghha kienu iddeciedew li jirrangaw il-*washroom* sabiex hi u ohtha jkollhom post fejn joqghodu ma' shabhom u sabiex tintuza mill-familja, izda missierhom kien gab lin-neputi tieghu sabiex joqghod f'din il-kamra. Ziedet illi meta dan in-neputi kien telaq, missierhom beda prattikament jghix f'din il-kamra.

Xehdet illi missierhom bilkemm kien ma jarahom meta hi jew ohtha kienu jaghmlu xi attivitajiet extra-kurrikurali u ma kienx jaghti kas tal-progress taghhom. Xehdet illi huwa kien ta' spiss jidhol d-dar fis-sakra u mhux l-ewwel darba li siker quddiemha jew quddiem ohtha. Darba minnhom kien anke saq lilha u lill-ohtha d-dar f'sakra kbira u kien werwirhom minhabba li kien ser jahbat diversi drabi. Spjegat li missierha ma kellux relazzjoni tajba ma' ommha; kien iwaqqaha ghaccajt u jcanfara quddiemhom, kien jinsulentha b'xogholha ghaliex ma kienx joghogbu x-xoghol li kienet taghmel u kien jaqbad ma' nisa' ohra fil-presenza mhux biss ta' ommhom izda anke taghhom.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma' ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe**

**Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

> "***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991: "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***"

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat minhabba eccessi, sevizzi u ingurji gravi kommessi minnu kontra taghha.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma "***tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni***

***misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge***".[1] Baudry Lacantinerie jghallem illi "***Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima***."[2]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> "***fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal strataġemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili***"."

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala "***dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti***."[3] Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "***Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione***".[4] Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi***".

Jinsab ritenut illi:

> "…***mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o***

[1] Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214.
[2] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[3] **Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius,** Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dicembru 1951.
[4] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

> ***l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]****."*[5]

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

> "***Dan il-komportament abitwali* [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] *da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili***."

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marthese Vella pro et noe vs George Vella** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi "***l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom****."*

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta li l-partijiet kienu ltaqu fl-Italja fl-1996 waqt li r-rikorrenti kienet qed taghmel xi xoghol ta' volontarjat. Kienu bdew relazzjoni flimkien u ghalhekk l-intimat, li huwa ta'

[5] **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti,** Qorti tal-Appell Civili deciza 15 ta' Dicembru 2015.

nazzjonalita Rumena, kien gie joqoghod hawn Malta bl-ghajnuna tar-rikorrenti, u sussegwentement izzewgu fl-10 ta' April 1999. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt'itfal, u cioe MG li twieldet X u CG li twieldet Y.

**Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg**

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi jirrizulta li matul iz-zwieg tal-partijiet, l-intimat kien frekwentement verbalment, psikologikament u emozzjonali vjolenti ma' martu, sahansitra quddiem uliedhom anke meta dawn kienu ghadhom ta eta zghira. Jirrizulta illi l-intimat kien ta' sikwit jinsulenta lir-rikorrenti, tant illi kien jghajjarha li hija prostituta, kien jheddidha u jinsulentaha fil-presenza mhux biss ta' uliedhom stess izda anke ta' terzi persuni hbieb tieghu u dan kollu wassal sabiex ir-rikorrenti tibda tbati minn *self-esteem* baxx. Apparti minn hekk jirrizulta b'mod car illi l-intimat kien jonqos milli jaghti dak is-sapport li l-ligi stess tirrikjedi li l-konjugi jaghtu lil xulxin, peress li rrizulta li l-intimat kien ferm hsiebu f'hajtu, fi hbiebu u fl-interessi tieghu milli f'martu u uliedu. Jirrizulta li l-intimat kien jeskludi lil martu mill-hajja lavorativa tieghu tant illi lanqas kien ihalliha tmur fil-garaxx minn fejn kien jahdem u hija baqghat minghajr hjiel dwar l-andament tan-negozju li kien jiggestixxi. Jirrizulta wkoll li l-intimat ma kien juri b'xejn lir-rikorrenti dwar il-flus li huwa kien qed jippercepixxi mill-hidma tieghu, minkejja l-fatt li dan l-introjtu kien proprjeta tal-komunjoni tal-akkwisti, u minflok kien biss jaghti somma ta' flus fissa lir-rikorrenti ghall-bzonnijiet tal-ulied, filwaqt illi kien jinsisti mar-rikorrenti sabiex trazzan l-infieq relatat ma' uliedhom, minkejja li l-ispejjez li hija kienet tinkorri ghall-ulied kienu necessarji in vista tal-kundizzjonijiet medici ta' binthom C. Jirrizulta wkoll illi peress li l-flus li l-intimat kien jghaddi lir-rikorrenti ma kienux ikunu bizzejjed biex, flimkien mal-introjtu tar-rikorrenti, ikopru l-ispejjez tal-familja, binthom M kellha tohrog tahdem, hekk kif kien legalment possibli li taghmel dan, sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet ta' missierha.

Illi inoltre l-Qorti tqis illi mhux biss ir-rikorrenti kienet vittma ta' vjolenza domestika ipperpetrata mill-intimat, izda anke ulied il-partijiet. Dan tenut kont illi l-intimat, ghalkemm ma kienx vjolenti direttament fil-konfront tal-ulied, kien jghajjat ma' ommhom, jghajjara u jheddidha fil-presenza taghhom, oltre illi ma kienx jipprovdi bizzejjed ghall-htigijiet tal-familja tant illi bintu M kienet kostretta tohrog tahdem. Dan jaghmel l-imgieba tal-intimat ferm aktar deplorabbli u censurabbli, u jirraprezenta ksur tad-doveri tal-intimat bhala missier u vjolenza domestika morali fil-konfront

tal-ulied. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Jacqueline Balzan pro et noe vs Joseph Balzan** citata aktar il-fuq, fejn intqal illi:

> "***Jirrizulta wkoll illi it-tlett ulied minuri kienu l-vittma ta' vjolenza da parti tal-konvenut, mhux necessarjament fizika izda certament vjolenza morali meta kien jerfa jdejh fuq l-attrici fil-presenza tal-minuri.***"

Il-Qorti taghraf illi ghalkemm minkejja li kien kontumaci l-intimat xorta wahda kellu dritt illi jaghmel kontro-ezamijiet tax-xhieda prodotti mir-rikorrenti u jressaq nota ta' sottomissjonijiet tieghu, huwa baqa' ma kkontesta bl-ebda mod il-provi prodotti minnha u naqas addirittura milli jintavola s-sottomissjonijiet tieghu minkejja l-opportunita moghtija lilu minn din il-Qorti biex jaghmel dan. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tfarrak unikament htija tal-imgieba ingurjuza u sevizzjevoli tal-intimat fil-konfront ta' martu r-rikorrenti u tan-nuqqasijiet serji minn naha tal-intimat fid-doveri legali tieghu bhala ragel mizzewweg u bhala missier.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ,għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.***"

Fil-fehma tal-Qorti, il-vjolenza finanzjarja, emozzjonali u psikologa ipperpetrata mill-intimat kontra r-rikorrenti jissarrafu fi ksur serju tal-obbligi tieghu bhala persuna mizzewga ai termini tal-artikolu 2 tal-Kodici Civili u huma tali li jattira l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, u ghalhekk ser jigu applikati l-effetti kollha tas-sub-inciz (1) (a), (b) u (d) tal-istess Artikolu 48, skont kif mitlub mir-rikorrenti.

**Kura u Kustodja ta' CG**

Jirrizulta illi fil-mori tal-kawza bint il-partijiet CG ghalqet tmintax -il sena. Ghalhekk, galadarba m'ghadhiex aktar minuri, il-kwistjoni ta' kura u kustodja taghha flimkien mad-dritt tal-access tal-genitur l-iehor huma ormai sorvolata.

**Manteniment ghar-rikorrenti**

Ir-rikorrenti titlob li l-konvenuta jigi kkundannat ihallas manteniment xieraq ghaliha nnifisha kemm il-darba ma jkollhix mezzi bizzejjed biex tmanti lilha nnifisha fiz-zmien li tinghata s-sentenza.

Il-Qorti rat li mill-affidavit tar-rikorrenti jirrizulta illi hija ghandha impjieg fiss u ghandha *gross basic wage* ta' €1,400 kull erba' gimghat. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li ma jirrizultax li r-rikorrenti m'ghandhiex mezzi bizzejjed sabiex tmanti lilha nnifisha.

**Manteniment ghall-ulied il-partijiet**

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 3B (2) tal-Kodici Civili:

> "***L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli lil-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:***
>
> ***(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena***;"

Fl-affidavit taghha, r-rikorrenti tghid illi hija tinkorri spejjez ta' cirka €1,800 - €2,000 fix-xahar ghall-bzonnijiet ta' C, filwaqt li M jkollha tghaddi bil-€200 fix-xahar li kien qieghed jivversa l-intimat ghall-bzonnijiet taghha, waqt illi ma tat l-ebda spjegazzjoni tal-infieq illi huwa mehtieg ghall-bzonnijiet ta' M. Il-Qorti rat ukoll illi mill-affidavit tar-rikorrenti jirrizulta li l-intimat kien qieghed jghaddi lir-rikorrenti is-somma ta' €1,000 ghall-bzonnijiet ta' uliedhom, u ghalhekk il-Qorti tqis illi dan l-ammont ta' manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm l-ulied jaghlqu l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena fil-kaz li jibqu` jistudjaw fuq bazi *full-time.*

Il-Qorti ghalhekk tordna illi sakemm bint il-partijiet MG tkun studenta u tippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim fuq bazi full-time u tkun taht l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' erba' mitt ewro (€400) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-istess MG. Fir-rigward ta' bint il-partijiet CG,

sakemm l-istess bint tkun studenta u tippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim fuq bazi full-time u tkun taht l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-bzonnijiet taghha.

**Komunjoni tal-akkwisti u proprjeta parafernali**

Il-Qorti rat illi fl-affidavit taghha, r-rikorrenti iddikjarat illi d-dar matrimonjali hija parafernali taghha ghaliex inxtrat qabel iz-zwieg.

Il-Qorti rat illi giet prodotta kopja formali tal-kuntratt illi bih l-attrici xtrat l-appartament Numru 1, 'S' (Vide Dok HG a fol 36 sa 44 u l-affidavit tan-Nutar, a fol 35) liema kuntratt huwa prova sal-grad mitlub fil-kamp civili li dan l-appartament gie effettivament mixtri mill-attrici, wahidha, ferm qabel iz-zwieg u cioe fid-9 ta' April 1991. Dan ifisser li l-attrici xtrat dan l-appartament tmien snin **qabel** iz-zwieg mal-intimat. Ghaldaqstant tali proprjeta hija proprejta parafernali tal-attrici.

Il-Qorti rat di piu illi l-vettura Opel Astra numru ta' registrazzjoni CBF 224 hija proprjeta parafernali taghha wkoll minkejja li din il-vettura giet trasferita f'isem l-intimat. Di piu' il-karozza l-ohra, Toyota Tercel numru tar-registrazzjoni LAA 467 hija registrata f'isem l-attrici. Ghaldaqstant, il-Qorti, in vista tat-tort imputabbli lill-intimat ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg, tqis li z-zewg vetturi ghandhom jigu assenjati lill-attrici. Il-Qorti tqis ukoll illi kwalunkwe akkont bankarju f'isem l-attrici ghandu jigi assenjat lill-istess attrici.

Il-Qorti rat ukoll li l-intimat ghandu l-uzu ta' garage ta' mekkanik, liema garage pero l-attrici ma resqitx provi konklussivi li jindikaw li t-titolu ta' garage jghajjat lill-intimat.

Il-Qorti rat ukoll illi minkejja li l-attrici ssostni li l-ghodda f'dan il-garage gew mixtrija fiz-zwieg, hija naqset illi mhux biss tipprova l-valur ta' dawn il-ghodda izda wkoll it-tip u l-entita ta' dawn l-ghodda. Ghaldaqstant din il-Qorti hija prekluza milli taghmel xi tip ta' divizjoni.

Di piu' taghraf illi l-ghodda ta' dan il-garage huwa parti mill-mezz tal-ghixien tal-intimat li ghadu tenut imantni lil uliedu.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti B u N konjuġi G ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat;**
2. **Tasjteni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante illi CG ghalqet l-eta ta' tmintax (18) -il sena fil-mori tal-kawza;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-intimat sabiex, sakemm CG tkun studenta u tippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim fuq bazi full-time u tkun taht l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' sitt mitt ewro (€600) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-istess CG;**
4. **Tilqa' r-raba talba u tordna lill-intimat sabiex, sakemm MG tkun studenta u tippartecipa f'edukazzjoni, tahrig jew taghlim fuq bazi full-time u tkun taht l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' erba' mitt ewro (€400) kull erba' gimghat bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-istess MG.**
5. **Tichad il-hames talba ghal ragunijiet gia aktar 'l fuq indikati;**
6. **Tilqa' s-sitt talba u tapplika kontra l-intimat l-artikolu 48 (1) (a), (b) u (d) tal-Kodici Civili;**
7. **Tilqa' s-seba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tikkonsenja lill-attrici l-vetturi Opel Astra numru ta' registrazzjoni CBF 224 u Toyota Tercel numru tar-registrazzjoni LAA 467 u kwalunkwe akkont bankarju f'isem l-attrici waqt li tassenja l-pussess tal-garage tal-intimat u l-ghodda li jinstabu fl-istess garage lill-intimat; kif ukoll kwalunkwe akkont bankarju li ghandu f'ismu;**
8. **Tordna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi u jirrintegra lill-attrici BG fil-pussess tal-beni parafernali taghha kompriz il-fond "S" u tordna lill-intimat sabiex fi zmien tlett gimghat jizgombra mid-dar matrimonjali tal-partijiet B u N konjugi G, cioè il-fond "S".**
9. **Tilqa' d-disa' talba u tikkonsenja lill-attrici l-ghamara kollha li hemm fil-fond "S" stante li dawn huma assi u mobbli parafernali tal-attrici.**

**L-ispejjez marbuta ma' din is-sentenza jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**